Co-funded by
the European Union

Co-funded by the European Union

# Training Pack for Youth Workers - ACTIVITIES







**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ - ATTIVITAJIET**

Co-funded by the European Union

**Modulu: L-iddisinjar ta' metodoloġiji ta' ħsieb u worksheets prattiċi għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ**

**WERREJ**


**L-1 ATTIVITÀ – *L-immappjar tal-kuntesti*** ........ 3
**IT-2 ATTIVITÀ – *Brainstorming*** ........ 6
**IT-3 ATTIVITÀ – *Intervista fuq is-soluzzjoni*** ........ 8

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Titlu** | *L-immappjar tal-kuntesti* | | |
| **Metodoloġija** | Immappja l-informazzjoni miġbura biex toħloq analiżi tal-kuntest dettaljata | | |
| **Fejn** | Kamra bl-imwejjed u s-siġġijiet bil-possibbiltà li tpinġi u tikteb | | |
| **Tul ta' żmien stmat tal-attività** | siegħa | **Objettivi tat-tagħlim** | • Tgħallem minn "espert": cioè l-utent li l-aktar joffri għarfien mhux mistenni fuq dak li jgħaddi minnu f'ħajtu.<br>• Akkwista stampa aħjar ta' sitwazzjoni partikolari.<br>• Tejjeb l-empatija u l-moħħ mifuħ fost il-parteċipanti. |
| **Numru ta' parteċipanti** | 10-15-il parteċipant | | |
| **Introduzzjoni** | Il-punt tal-immappjar tal-kuntest huwa li ssib aktar dwar kif esperjenza tiġi pperċeputa minn persuna li qed jaffaċja sfida partikolari. L-immappjar jgħinek biex tagħti struttura lis-sejbiet mill-osservazzjoni u b'hekk tifhem aħjar liż-żgħażagħ.<br>Dan l-eżerċizzju huwa utli fl-istadji inizjali tal-proċess sabiex takkwista fehim profond tal-kwistjoni. | | |
| **Riżorsi, tagħmir, jew materjali meħtieġa għal-lezzjoni** | Karti kbar<br>Whiteboard<br>Pinen tal-kulur and markers | | |
| **Metodoloġija** | Introduzzjoni, attività, feedback. | | |
| **Proċedura / Struzzjoni għall-attività** | | | |
| **15-il minuta** - **Merħba u introduzzjoni mal-parteċipanti**<br>*Se npoġġu fiċ-ċirku mal-grupp u nintroduċu lilna nfusna.*<br><br>**30 minuta – L-immappjar tal-kuntest** | | | |

*Suġġett partikolari jiġi ppreżentat li se jkun il-kwistjoni li se nippruvaw insovlu.*

*Fi gruppi ta' 2-4, se naħdmu fuq l-immappjar tal-elementi tal-problemi, bħal fl-istampa t'hawn taħt.*




*Huwa importanti li tosserva l-utent u l-ambjent tiegħu. Nistgħu nużaw il-mistoqsijiet li ġejjin biex niggwidaw il-grupp:*

- *X'jagħmel il-persuna?*
- *Fejn jagħmluha?*
- *Ma' min?*
- *X'inhu l-impatt tal-attivitajiet tagħhom fuq l-ambjent?*
- *Liema individwi jagħtu għajnuna?*

*Iddefinixxi żoni li l-fok fuqhom jista' jkun utli. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek għal kuntest estiż jew wieħed limitat.*
*Iddetermina l-kategoriji tal-kuntest rispettivi, per eżempju, xejriet, l-ekonomija, lokazzjoni, jew il-qasam teknoloġiku.*

**15-il minuta** - **Aqsam ir-riżultati u l-aħjar prattiċi**

*Wara l-attività, mur lura fiċ-ċirku u tkellem dwar is-sejbiet fi gruppi żgħar. Se niġbru l-aktar sejbiet relevanti u niktbuhom fuq mappa kbira fuq il-whiteboard.*

**Riflessjoni u awto-evalwazzjoni tal-parteċipanti**

L-aħħar 15-il minuta tas-sessjonijiet ta' taħriġ se jkunu ddedikati għal mistoqsijiet u feedback. Il-parteċipanti se jiġu mistoqsija biex jimlew stħarriġ qasir online sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq il-lezzjoni (dan għandu jiġi maħluq minn kull organizzazzjoni).

Co-funded by the European Union

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Titlu** | *Brainstorming* | | |
| **Metodoloġija** | Ippreżenta suġġett u stieden lill-grupp biex joħroġ b'ideat u soluzzjonijiet kreattivi | | |
| **Fejn** | Ġewwa / barra fi spazju fejn hu possibbli li tikteb (imwejjed jew fuq art ċatta) | | |
| **Tul ta' żmien stmat** | 30 minuta - siegħa | **Objettivi tat-tagħlim** | • Tippromwovi l-iskambju reċiproku u s-smigħ attiv<br>• Tadotta perspettivi differenti u tħares lejn il-problema minn punti differenti<br>• Tagħti spinta lill-kreattività |
| **Numru ta' parteċipanti** | 2-10 parteċipanti | | |
| **Introduzzjoni** | Il-punt tal-brainstorming huwa li tiġġenera numru kbir ta' ideat mhux tas-soltu f'perjodu limitat ta' ħin. Il-grupp jiġi introdott għas-suġġett sabiex joħroġ b'ideat li l-grupp imbagħad iniżżel fil-post-its jew fuq il-flipchart jew il-whiteboard. Huwa utli li tfassal is-suġġett bħala mistoqsija jew problema li trid tissolva sabiex tiġi naturali għalihom biex joħorġu bi tweġibiet. Dan l-eżerċizzju huwa utli fl-istadju tal-ħolqien tal-ideat tal-proċess sabiex tiġi ispirat u toħroġ b'soluzzjonijiet possibbli għall-problema. | | |
| **Riżorsi, tagħmir, jew materjali meħtieġa għal-lezzjoni** | Karti kbar<br>Whiteboard<br>Pinen tal-kulur u markers<br>Post-its | | |
| **Metodoloġija** | Introduzzjoni, attività, feedback. | | |
| **Proċedura / Struzzjonijiet għall-attività** | | | |

**15-il minuta** - **Merħba u introduzzjoni mal-parteċipanti**
*Aħna se npoġġu f'ċirku mal-grupp u nintroduċu lilna nfusna.*

**15-il minuta – Brainstorming tradizzjonali**
*Suġġett partikolari jiġi ppreżentat, li se jkun il-kwistjoni li l-grupp qed jipprova jsolvi. Idealment is-suġġett jiġi*

| |
|---|
| *mfassal bħala mistoqsija u l-parteċipanti jaqsmu l-ideat tagħhom fil-beraħ mal-grupp.*<br>*L-għan ta' din l-attività huwa li joħorġu fil-beraħ l-ikbar numru possibbli t'ideat dwar suġġett partikolari sabiex, fl-aħħar mill-aħħar, jintgħażel l-aktar suġġett relevanti. Għaldaqstant, ftakar biex tistieden lil kulħadd biex jaqsam l-ideat tiegħu mal-grupp mingħajr ma jiġu ġġudikati. Huwa important wkoll li tiftakar li kull persuna hija mistiedna biex tikteb ideat ċari fil-post-its, li jista' jkunu jew kliem jew sketches żgħar. L-ideat se jinqraw fl-apert u jiġu mpoġġija fuq whiteboard jew flipchart.*<br><br>**15-il minuta - Figure storming**<br>*Tekniċi speċjali ta' brainstorming jistgħu jintużaw bħala alternattiva għall-approċċ tradizzjonali ta' brainstorming. Dawn huma speċjalment utli meta grupp jeħel waqt il-ħolqien tal-ideat jew meta ideat simili jiġu repetutament ġenerati.*<br>*Dan l-approċċ isegwi l-metodu ta' figure storming, cioè, il-brainstorming isir mill-punto di vista ta' parti terza. Din tinvolvi ssaqsi l-mistoqsija: Kif isolvi l-problem kieku "X"?*<br>*Nistgħu nużaw persuni involuti jew nies li l-kontribut tagħhom inħossu li kapaċi jkunu ta' valur f'każ partikolari. Kapaċi taħdem ukoll li wieħed juża persuna famuża, jew persuna familjari mill-madwar.*<br><br>**15-il minuta - Bodystorming** (biex tintuża minflok/jew flimkien mat-tekniċi ta' qabel, skont il-każ)<br>*Bodystorming tmur pass lil hinn billi tpoġġi lill-persuni li qed jiġu ttestjati fiżikament f'sitwazzjoni partikolari. F'dan il-każ, ix-xenarju jiġi imitat bl-aktar mod korrett possibbli permezz t'ambjent, artifatti, u persuni relevanti sabiex dawk il-persuni li qed jiġu ttestjati jesperjenzawha bl-aktar mod viċin possibbli. B'dan il-mod, is-suġġetti jistgħu jinferixxu ideat ġodda permezz ta' ttestjar u trial and error fiżika.*<br>*Eżempju: Tim li jiżviluppa prodott għal nies xjuħ jista' japplika važellina mal-lenti tan-nuċċali sabiex jara d-dinja minn għajnejn nies xjuħ.*<br><br>**15-il minuta - Fażi tal-għeluq u riflessjoni fuq ir-riżultati**<br>*Wara l-attività, mur lura fiċ-ċirku u tkellem fuq is-sejbiet tal-attività. Il-grupp se jagħti ħarsa lejn il-post-its fuq il-whiteboard jew il-flipchart u jikkummenta fuq ir-riżultati. Kif ħassewhom waqt l-attività? Hemm xi idea li ġibditilhom l-attenzjoni? Għaliex? X'nistgħu nikkonkludu?* |
| **Riflessjoni u awto-evalwazzjoni tal-parteċipanti** |
| L-aħħar 15-il minuta tas-sessjonijiet ta' taħriġ se jkunu ddedikati għal mistoqsijiet u feedback. Il-parteċipanti se jiġu mistoqsija biex jimlew stħarriġ qasir online sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq il-lezzjoni (dan għandu jiġi maħluq minn kull organizzazzjoni). |

IT-3 ATTIVITÀ – *Intervista fuq is-soluzzjoni*

Co-funded by the European Union

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Titlu** | *Intervista fuq is-soluzzjoni* | | |
| **Metodoloġija** | Oħloq mappa tal-informazzjoni miġbura sabiex toħloq analażi tal-kuntest dettaljata. | | |
| **Fejn** | Idealment barra f'post sabiħ u kwiet. Huwa rakkomandat li tagħmel din l-attività waqt li tkun miex fil-kampanja jekk din l-intervista tista' tiġi rrikordjata. Huwa possibbli wkoll li tagħmel l-intervista ġewwa. | | |
| **Tul ta' żmien stmat għall-attività** | 30 minuta - siegħa | **Objettivi tat-tagħlim** | • Ifhem jekk is-soluzzjoni proposta hux valutata miż-żagħżugħ/a<br>• Ifhem il-bżonnijiet, l-imġieba, u l-motivazzjonijiet taż-żgħażagħ b'mod aktar profond<br>• Eżamina jekk intix iffukat fuq il-kwistjonijiet kruċjali tal-proġett |
| **Numru ta' parteċipanti** | 2-3 parteċipanti | | |
| **Introduzzjoni** | Il-punt tal-intervista tas-soluzzjoni huwa li tittestja soluzzjonijiet li ġew żviluppati fil-proġett u tara jekk ma ġewx aċċettati miż-żgħażagħ intervistati. Din l-attività idealment issir minn żewġ persuni f'kuntest t'intervista informali. Persuna waħda ssaqsi l-mistoqsijiet waqt li ssegwi l-gwida tal-intervista, filwaqt li l-persuna l-oħra twieġeb.<br>Dan l-eżerċizzju huwa utli fl-istadju tal-prototip tal-proċess sabiex tiċċekkja maż-żagħżugħ/a s-sejbiet tal-persuna li taħdem maż-żgħażagħ. Dan huwa fejn il-persuna li taħdem maż-żgħażagħ tkun tista' tara jekk hux se tkompli bis-soluzzjoni tagħha jew tmur lura u tibdel xi ħaġa. Din hija importanti għaliex tpoġġi l-bniedem fiċ-ċentru sabiex tiżgura li s-soluzzjoni proposta tagħmel sens għalihom. | | |
| **Riżorsi, tagħmir, jew materjali meħtieġa għal-lezzjoni** | Gwida tal-intervista<br>Karti<br>Pinen u lapsijiet<br>Tagħmir biex jiġi rrekordjat l-awdjo (jekk dan hu disponibbli) | | |
| **Metodoloġija** | Introduzzjoni, attività, feedback. | | |
| **Proċedura / Struzzjonijiet għall-attività** | | | |

**5 minuti** - **Merħba u introduzzjoni mal-parteċipanti**
*Se nintroċudu lilna nfusna mal-parteċipanti jekk din tkun għadha ma saritx u se nippreżentaw l-attività.*

**30 minuta – Intervista ta' soluzzjoni**
*Suġġett partikolari jiġi ppreżentat, li se jkun il-kwistjoni li l-grupp se jipprova jsolvi. Idealment, is-suġġett jiġi mfassal bħala mistoqsija u l-parteċipanti jaqsmu l-ideat tagħhom fil-beraħ mal-grupp.*
*L-għan ta' din l-attività hu li jiġu ġġenerati kemm jista' jkun ideat possibbli dwar suġġett partikolari sabiex fl-aħħar jiġi magħżul l-aktar suġġett relevanti. Għaldaqstant, ftakar biex tistieden lil kulħadd biex jaqsam l-ideat tiegħu mal-grupp*

Commented [JF1]: In the original the sentence is incomplete:
*"share their ideas with the group without"*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***1.Context*** | ***Task*** *What is the context and the task?* | ***Goal*** *What is the goal of the interview?* | ***Person*** *Who is the person?* |
| ***2. Interview planning*** | ***Interview candidates*** *Who are the interview candidates?* | ***Interview team*** *Who is the interview team? What are the roles?* | ***Material*** *What material is needed?* |
| ***3. Interview guide*** | ***Agenda*** *How is the interview going on?* | ***Context*** *What are the important questions?* | ***Comments*** |

**5 minuti – Fażi tal-għeluq u riflessjoni fuq ir-riżultati**
*Wara l-attività, se niċċekkjaw mal-persuna li ġiet intervistata kif ħassewhom matul din l-attività u jekk għandhomx xi mistoqsijiet jew xi kummenti x'jaqsmu.*

| Riflessjoni u awto-evalwazzjoni tal-parteċipanti |
| --- |
| L-aħħar 15-il minuta tas-sessjonijiet ta' taħriġ se jkunu ddedikati għal mistoqsijiet u feedback. Il-parteċipanti se jiġu mistoqsija biex jimlew stħarriġ qasir online sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq il-lezzjoni (dan għandu jiġi maħluq minn kull organizzazzjoni). |

entrepreneurship

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]